DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1276

tad-29 ta' Lulju 2019

li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/627/UE dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(6) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta deċiżjoni dwar l-ekwivalenza, fejn tiddikjara li l-qafas legali u superviżorju ta' pajjiż terz jiżgura li l-aġenziji ta' gradazzjoni tal-kreditu ("CRAs") awtorizzati jew irreġistrati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dak ir-Regolament u li huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi f'dak il-pajjiż terz. Biex jitqies ekwivalenti l-qafas superviżorju u legali għandu jissodisfa mill-inqas l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(2) Fil-5 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/627/UE ([2]), filwaqt li tosserva dawn it-tliet kundizzjonijiet u tqis il-qafas superviżorju legali Awstraljan għas-CRAs bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fis-seħħ f'dak iż-żmien.

(3) Il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja xorta waħda jissodisfa t-tliet kundizzjonijiet stabbiliti oriġinarjament fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) introduċa rekwiżiti addizzjonali għas-CRAs irreġistrati fl-Unjoni li jagħmlu r-reġim legali u superviżorju aktar strett għal dawk is-CRAs. Dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jinkludu regoli dwar il-prospetti ta' gradazzjoni, il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, il-kwalità tal-metodoloġiji ta' gradazzjoni, u l-preżentazzjoni u d-divulgazzjoni ta' gradazzjonijiet ta' kreditu.

(4) Skont il-punt (1)(b) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 462/2013, ir-rekwiżiti addizzjonali japplikaw għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-ekwivalenza ta' oqfsa legali u superviżorji ta' pajjiżi terzi mill-1 ta' Ġunju 2018.

(5) Fid-dawl ta' dan, fit-13 ta' Lulju 2017 il-Kummissjoni talbet parir lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq ("ESMA") dwar l-ekwivalenza tal-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja, fost oħrajn, b'dawn ir-rekwiżiti addizzjonali introdotti mir-Regolament (UE) Nru 462/2013 u l-ġudizzju tiegħu dwar l-importanza materjali ta' kwalunkwe differenza.

(6) Fil-parir tekniku tagħha ppubblikat fit-17 ta' Novembru 2017, l-ESMA kkonkludiet li l-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja ma jinkludix dispożizzjonijiet suffiċjenti, li jistgħu jilħqu l-għanijiet tar-rekwiżiti addizzjonali introdotti bir-Regolament (UE) Nru 462/2013.

(7) L-Artikolu 3(1)w jintroduċi definizzjoni ta' prospetti ta' gradazzjoni u r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 issa jestendi ċerti rekwiżiti applikabbli għall-gradazzjonijiet tal-kreditu għall-prospettivi tal-gradazzjoni. Il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja ma jirrikonoxxix b'mod espliċitu l-prospetti ta' gradazzjoni, iżda l-Kummissjoni Awstraljana tat-Titoli u l-Investiment tqis li l-prospetti ta' gradazzjoni jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "konsulenza dwar prodotti finanzjarji" u għalhekk soġġetti għall-istess rekwiżiti bħall-gradazzjonijiet tal-kreditu.

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/627/UE tal-5 ta' Ottubru 2012 dwar ir-rikonoxximent tal-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja bħala ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 274, 9.10.2012, p. 30).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1).

(8) Bil-ħsieb li jsaħħaħ il-perċezzjoni tal-indipendenza tal-aġenziji tal-gradazzjoni tal-kreditu vis-à-vis l-entitajiet ggradati, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jestendi fl-Artikolu 6(4), 6a u 6b tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 ir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess għal dawk ikkawżati mill-azzjonisti jew membri li għandhom pożizzjoni sinifikanti fi ħdan is-CRA. Il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja jeħtieġ li CRA jkollha fis-seħħ arranġamenti adegwati għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess li jinqalgħu matul in-negozju tagħhom. Madankollu, ma jindirizzax espliċitament il-kunflitti ta' interess li relatati mal-azzjonisti. Konsegwentement, ma hemm l-ebda rekwiżit simili li jipprojbixxi CRA milli toħroġ gradazzjoni tal-kreditu fuq entità, li jkollha aktar minn 10 % tal-ishma tagħha jew milli tipprovdi servizzi ta' konsulenza lil entità, li jkollha aktar minn 5 % tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda biex jiżgura li informazzjoni kunfidenzjali tintuża biss għal skopijiet relatati ma' attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu u tkun protetta minn frodi, serq jew użu ħażin. Għal dak il-għan, l-Artikolu 10 (2a) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jeħtieġ li s-CRAs jittrattaw il-gradazzjonijiet tal-kreditu, il-prospetti ta' gradazzjoni u l-informazzjoni kollha relatata magħhom bħala informazzjoni privileġġjata sal-punt tad-divulgazzjoni. Il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja jistabbilixxi rekwiżiti dettaljati dwar il-passi li s-CRAs għandhom jieħdu biex jipproteġu informazzjoni kunfidenzjali fil-pussess tagħhom li għandha x'taqsam mal-emittenti. Għaldaqstant hemm qafas kredibbli fis-seħħ li jipproteġi kontra l-użu ħażin ta' informazzjoni kunfidenzjali.

(10) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 għandu l-għan li jżid il-livell ta' trasparenza u kwalità tal-metodoloġiji ta' gradazzjoni. Fl-Anness I, Taqsima D, Sottotaqsima I paragrafu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jintroduċi obbligu biex is-CRAs jipprovdu lill-entità gradata bl-opportunità li tindika kwalunkwe żball fattwali possibbli qabel il-pubblikazzjoni tal-gradazzjoni tal-kreditu jew il-prospetti ta' gradazzjoni. Il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja ma għandux rekwiżit espliċitu għal CRA biex tinforma entità gradata dwar gradazzjoni tal-kreditu qabel il-pubblikazzjoni tagħha. Minflok, skont il-qafas legali u superviżorju Awstraljan, CRA għandha tinnotifika entità gradata biss meta jkun "fattibbli u xieraq" mingħajr ma tippreskrivi ħin minimu biex twieġeb.

(11) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jintroduċi salvagwardji fl-Artikolu 8 (5a), (6) aa u ab u (7) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 biex jiżgura li kwalunkwe modifika fil-metodoloġiji tal-gradazzjoni ma tirriżultax f'metodoloġiji inqas rigoruż. Il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja jirrikjedi li jiġu infurmati l-entitajiet iggradati affettwati minn kwalunkwe bidla fil-metodoloġija. Madankollu, ma hemm l-ebda rekwiżit li s-CRAs jikkonsultaw mal-parteċipanti fis-suq qabel ma jagħmlu bidla materjali f'metodoloġija, li jinnotifikaw lis-superviżur, jew li jiddivulgaw fuq is-sit web tas-CRA dwar kwalunkwe żball identifikat f'metodoloġija tal-gradazzjoni.

(12) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 isaħħaħ ir-rekwiżiti dwar il-preżentazzjoni u d-divulgazzjoni tal-gradazzjonijiet tal-kreditu. F'konformità mal-Artikolu 8(2) u l-Anness I, it-Taqsima D, is-Sottotaqsima I il-paragrafu 2a tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, CRA għandha takkumpanja d-divulgazzjoni ta' metodoloġiji, mudelli u suppożizzjonijiet ewlenin ta' gradazzjoni bi gwida ċara u li tinftiehem faċilment, li tispjega kwalunkwe suppożizzjoni, il-parametri, il-limiti u kwalunkwe inċertezza dwar il-mudelli u l-metodoloġiji ta' gradazzjoni użati fil-proċess tal-gradazzjonijiet tal-kreditu. Skont il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja, għalkemm is-CRAs huma meħtieġa jiddivulgaw jekk gradazzjoni ta' kreditu kinitx mitluba u jekk l-entità gradata pparteċipatx u biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar kwalunkwe limitazzjonijiet, ma hemm l-ebda rekwiżit li tiġi pprovduta tali gwida lill-pubbliku dwar il-metodoloġija wara gradazzjoni tal-kreditu.

(13) Bil-għan li tissaħħaħ il-kompetizzjoni u jiġi limitat l-ambitu għal kunflitti ta' interess fis-settur tas-CRA, ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 jintroduċi rekwiżit fl-Anness I, it-Taqsima E, is-Sottotaqsima II tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 li jenħtieġ li t-tariffi imposti mis-CRAs għal gradazzjonijiet tal-kreditu u servizzi anċillari jkunu nondiskriminatorji u bbażati fuq kostijiet attwali. Dan jirrikjedi lis-CRAs jiddivulgaw ċerta informazzjoni finanzjarja. Il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja jeħtieġ li s-CRAs jiddivulgaw informazzjoni dwar il-flussi tad-dħul lill-pubbliku u ċerta informazzjoni lis-superviżur permezz ta' rapport annwali, bl-eċċezzjoni ta' CRAs żgħar. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda rekwiżit biex is-CRAs jiddivulgaw il-gradazzjonijiet preliminari pubbliċi u biex jirrappurtaw lis-superviżur l-iskedi tagħhom tat-tariffi jew it-tariffi imposti fuq il-klijenti. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda rekwiżit li t-tariffi imposti fuq il-klijenti għandhom ikunu bbażati fuq il-kostijiet u nondiskriminatorji.

(14) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati, il-qafas legali u superviżorju tal-Awstralja għas-CRAs ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha għall-ekwivalenza stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(6) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Għaldaqstant, ma jistax jitqies bħala ekwivalenti għall-qafas legali u superviżorju stabbilit minn dak ir-Regolament.

(15) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/627/UE titħassar.

(16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/627/UE titħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER